## TINĠIŻ

*Ġwinħajn imwaqqgħa, baħar iswed misħut*
*Żaqq baliena miftuħa u mċarrta*
*Roqgħa ta' dmija*
*Fuq wiċċ il-baħar mejjet*
*Gawwi fuq ġwinħajn għajjiena*
*Bil-ġuħ u bil-għatx jixrob*
*L-ilma tan-nixxiegħa*
*Art mimlija katavri*
*Bhejjem u nies, nixfa kullimkien —*
*Ilma iswed — sema iswed*
*Ġmied fuq l-ibliet u waħdu*
*Għaddej l-aħħar bniedem ħaj*
*U fis-sema l-aħħar gawwija twerżaq muġugħa —*
*Għidt, niltaqa' mal-Mewt u nistaqsiha*
*Għaliex l-ilma sar iswed, l-ibliet*
*Iġġemdu u l-bhejjem u n-nies*
*Iġsma bla ħajja katavri u*
*Ntiena kullimkien?*

J. AQUILINA

## IL-JIEN

*Il-Jien kumpless*
*bniedem tal-lum, tal-bieraħ, t'għada —*
*eternità.*
*Kont tfajjel ngħix f'kastell ivorju,*
*moħħ bla ħjiena . . . f'għajnejk perfett.*
*Fittixtek fil-widien, f'Artalek*
*w is-sigħat għaddejt xewqan għal kliemek ħlejju*
*u kibret fija x-xewqa li nsir nafek.*

*Għarrixt u rajt il-Jien tal-bieraħ . . .*
*xfafar misnuna ċarrtu għeruq ruħi*
*u daħk satiriku faqqa' sħiħ f'widnejja,*
*daħk ta' mitt elf ġrajja ħanja.*
*Rajt kliemek jitħabbel fl-għanqbut tas-sekli;*
*rajt imħabba, faraġ, ħaqq —*
*xfafar jaqtgħu, nar qerried, mewt ħarxa.*